# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU WIEĦED U TLETIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar it-Tlieta 6 ta' Jannar, 2004 fid-9.45am .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier (11.50am) |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Drainage - Sede Azzjoni Kattolika.
(4) Moll Xatt ta' l-Isla.
(5) Tmexxija ta' l-Uffiċċju tal-Kunsill.
(6) Kuntratt Soft Areas / Ġbir ta' Skart Goff.
(7) Kuntratt Tindif tat-Toroq.
(8) Xogħol għall-Ħaddiema I. P. S. L..
(9) Ground tal-Ponta.
(10) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

## 31 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Billi għall-approvazzjoni kien hemm minuti ta' l-aħħar tlett laqgħat (numru 28, 29 u 30) il-Kunsill qabel li dawn jinqraw u jiġu approvati waħda waħda.

31(1).1 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 28 li saret fit-18 ta' Novembru, 2003 fil-5.00pm ġew moqrija interi mis-Sindku.

Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi il-Minuti ta' din il-laqgħa ġew approvati nem. con mingħajr ebda korrezzjoni.

31(1).2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 29 li nżammet fil-5 ta' Diċembru, 2003 ġew moqrija interi mis-Sindku.

Saret korrezzjoni f'paġna 2 f'minuta 29(1)3 fejn wara l-kliem is-Sindku u l-Viċl Sindku iddaħħal dan il-kliem "u l-Kunsillieri Mario Mizzi u Reno Chircop"

Saret korrezzjoni f'paġna 3 minuta 29(2)8 fejn il-kelma "cooptil" inbidlet bil-kelma "co-opted".

Saret korrezzjoni f'paġna 6 f'minuta 29(6)1 fejn żdied dan il-kliem fl-aħħar tal-paragrafu " Huwa stmat li dan ix-xogħol globali jkun jiswa Lm 640".

Wara li saru dawn il-korrezzjonijiet tal-Minuti fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Minuti ta' din il-laqgħa ġew approvati nem. con. kif korretti.

31(1).3 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 30 li nżammet b'urġenza nhar il-Ħadd 7 ta' Diċembru, 2003 ġew moqrija nteri mis-Sindku.

Saret addenda f'paġna 2 fir-4 paragrafu fejn żdied il-kliem "ippreżentat" bejn il-kliem "Reno Chircop u kontro mozzjoni".

Wara li saret din l-addenda fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar il-Minuti ta' din il-laqgħa ġew approvati nem. con. kif korretti.

## 31 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-ħidma u tal-laqgħat li saru bejn it-8 ta' Diċembru, 2003 u l-5 ta' Jannar, 2004.

*31.(2).1 Patching fi Triq Iż-Żewġ Mini minn quddiem Ġnien il-Gardjola ( 11/12/2003 )*

Saret spezzjoni fuq il-post biex jiġi aċċertat il-kejl.
Preżenti : Is-Sindku Joseph Casha, il-Perit Lawrence Mintoff u Pada Builders Ltd.

*31.(2).2 Bring-in Sites ( 12 / 12 / 2003 )*

Din il-laqgħa ġiet trasferita għal data oħra.

*31.(2).3 Ġieħ ir-Repubblika ( 16 / 12 / 2003 )*

Is-Sindku attenda għaċ-ċerimonja ta' ġieħ ir-repubblika fil-Palazz tal-President l-E. T. il-Profs. Guido De Marco.

*31.(2).4 Għotja ta' Premijijiet - Skola Lorenzo Gafa', Birgu ( 16 / 12 / 03)*

Għal din l-istedina attenda l-Kunsillier Reno Chircop li ppreżenta kotba lill-Librerija ta' l-Iskola f'isem il-Kunsill.

*31(2).5 Ħarġa u Ikla għall-Anzjani ( 17/12/03)*

Il-Kunsill organiżża ħarġa u ikla għall-anzjani tal-lokal li nżammet fil-lukanda San Antonio fil-Qawra. Kien hemm attendenza ta' madwar 145 ruħ. Din l-attivita' kienet suċċess.

*31.(2).6 Bazaar fil-Kunsill (15 sas-17 ta' Diċembru, 2003)*

Il-Kunsill tella' Bazaar fis-Sala tal-Kunsill b'risq l-attivitajiet ta' l-Anzjani. Dan il-Bazaar kien mifrux fuq diversi ġranet fix-xahar ta' Diċembru minħabba attivitajiet oħra fil-Kunsill u li kienu ppjanati minn qabel.

*31.(2).7 Devoluzzjoni Sit f'Misraħ 4 ta' Settembru ( 19 / 12 / 2003)*

F'isem il-Kunsill is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-kuntratt ta' devoluzzjoni tal-propjeta' li qabel kienet l-uffiċċju tal-Kunsill f'Misraħ 4 ta' Settembru għal kera ta' Lm 250 fis-sena.

Dan l-iffirmar sar fil-Ministeru ta' l-Intern u Gvern Lokali, "Casa Leoni" Santa Venera. Dan is-sit ser jservi bħala Librerija Pubblika Lokali u bħala Public Internet Access Point (Taħt l-iskema ta' l-eGorvernment).

*31.(2).8 Riċeviment għand il-Prim Ministru ( 19 / 12 / 2003)*

Is-Sindku ma' setgħax jattendi l-istedina għar-riċeviment mill-Prim Ministru minħabba li kien okkupat bil-preparazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-anzjani.

*31(2).9 Rigal lill-Anzjani 2003 - Sede (21/12/03)*

Din is-serata ġiet imtella' mill-Kunsill għall-Anzjani tal-lokal fis-Sede ta' l-Azzjoni Kattolika ta' l-Isla. L-attendenza kienet għola mis-snin ta' qabel u ġiet milqugħa u mfaħħra mill-Anzjani. Is-Sindku enfasiżża li din kienet l-anqas sena li l-Kunsill ħareġ flus għal din l-attivita'.

*31.(2).10 Stedina mill-Kunsill Lokali Birgu ( 29/ 12 / 03)*

Is-Sindku Joseph Casha kien mistieden u attenda għal preżentazzjoni ta' kotba mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni lill-Librerija tal-Birgu.

*31.(2).11 Bibita mill-Kunsill ( 29/ 12 / 03)*

Il-Kunsill tella' "get together" fis-Sala tal-Kunsill fejn ġew mistiedna s-Sotto Kumitati u mistiednin tagħhom, staff tal-Kunsill, Arċipriet, l-Ispettur tad-Distrett kif ukoll dawk kollha li

jaħdmu direttament u ndirettament mal-Kunsill.

Sar diskors ta' l-okkażjoni mis-Sindku fejn fost kollox irringrazzja u faħħar il-ħidma tal-volontarjat filwaqt li xtaqilhom l-isbaħ xewqat u ħeġġiġhom għal aktar ħidma għas-sena li ġejja.

Is-Sindku qal li ġie nfurmat li l-istaff tal-Kunsill ma' setgħux jattendu għal din l-okkażjoni.

Is-Sindku f'isem il-Kunsill ippreżenta rigal żgħir lill-membri kollha tas-Sotto Kumitati u lil dawk li taw il-volontarjat matul is-sena għal attivitajiet tal-Kunsill.

Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillieri u l-istaff għar-rigal li ġie ppreżentat lilhu minnhom f'din l-okkażjoni. Huwa sejjer jirreċiproka dan il-ġest billi jistieden lill-istaaff u l-Kunsill għal ikla għas-spejjeż tiegħu fi żmien l-Għid il-Kbir.

*31.(2).12 Riċeviment Kunsill Lokali Bormla ( 30/ 12 / 03)*

Is-Sindku Joseph Casha kien mistieden u attenda għal riċeviment fil-Kunsill Lokali ta' Bormla.

*31.(2).13 Riċeviment mill-Għassa ta' Bormla ( 31/ 12 / 03)*

Is-Sindku Joseph Casha kien mistieden u attenda għal riċeviment li sar fl-Għassa ta' Bormla organiżżat mis-Supretendent tad-Distrett. Hemm il-ħsieb li s-sena d-dieħla dan ir-riċeviment isir fis-Sala tal-Kunsill Lokali.

*31.(2).14 RTK - Dar tal-Provvidenza ( 31/ 12 / 03)*

Is-Sindku Joseph Casha attenda għal Fund Raising b'risq id-Dar tal-Privvidenza li ttelgħet fuq ir-Radju RTK.

Huwa ta' l-awguri tiegħu waqt intervent żgħir lill-RTK. F'isem il-Kunsill huwa ppreżenta s-somma ta' Lm 15.00 u donazzjoni personali tiegħu ta' Lm 10.00.

*31.(2).15 Awgurju lill-Awtoritajiet Maltin ( 01/ 01 / 04)*

Is-Sinkun flimkien ma' Sindki oħra ta l-Awgurju lill-Prim Ministru Dr. Fenech Adami u lill-Arċisqof u lill-President ta' Malta l-ET Profs. Guido De Marco f'Kastilja, l-Kurja u l-Palazz tal-President rispettivament.

*31.(2).16 Awguri lil Comune di Cassino ( 01/ 01 / 04)*

Is-Sindku Joseph Casha ċempel Cassino mid-dar tiegħu biex jagħti l-Awguri tiegħu lis-Sindku Scittarelli u l-familja tiegħu iżda dan ma' kienx hemm. Aktar tard is-Sindku Scittarelli ċempel lura lis-Sindku Joseph Casha fid-dar tiegħu.

*31.(2).17* *Intervista Radju Kottoner ( 02/ 01 / 04)*

Is-Sindku attenda għal intervista ta' siegħa fuq l-istazzjon Radju Kottoner fejn ċemplu xi residenti mill-lokal. Huwa ta l-Awguri tiegħu għas-sena l-ġdida.

Hemm il-ħsieb li dan il-programm jibda jsir kull xahar.

*31.(2).18* *Laqgħa ta' Grupp ta' Żgħażagħ fil-Kunsill (17 / 12/ 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 17 ta' Diċembru, 2003 saret laqgħa fil-bini tal-Kunsill minn grupp ta' żgħażagħ li qed jaħdem fi ħdan il-Kunsill biex itellgħa attivita' fost żgħażagħ oħra.

*31.(2).18.1* Is-Sindku stqarr mal-Kunsill li fit-18 ta' Diċembru, 2003 li hu kien ġie nfurmat minn Vanessa Caruana - skrivana/Kordinatur fil-Komunita' fil-Kunsill li fis-17 ta' Diċembru, 2003 saret laqgħa għaż-żgħażagħ u qagħdu hawn sal-11.00pm.
Huwa ġibed l-attenzjoni lil Vanessa li huwa setgħa ġie nfurmat bil-laqgħa. Hija qaltlu li fil-minuti ta' qabel hemm imniżżel li se jibdew jiltaqgħu kull nhar ta' Erbgħa, kif ukoll avżat lis-Segretarju bil-laqgħa. Infurmaha li lilhu ħadd ma' qallu, imma l-aktar li ma' jistgħux jiġu approvati minuti jekk ma' jiltaqax il-Kunsill u jagħti l-approvazzjoni tiegħu jew jieħu responsabbilta is-Sindku sakemm issir laqgħa tal-Kunsill. Dan kien filgħodu.

Filgħaxija reġgħet ċemplet u fil-preżenza tal-Viċl Sindku u talbet bħall spjegazzjoni għad-diskors ta' filgħodu, għax hija ħasbet li s-Sindku qalla li qegħda tisraq mill-ħin propju tal-Kunsill jew biex tagħmel aktar ħin milli hemm previst fil-kuntratt. Is-Sindku qalla li l-anqas biss jaf il-ħin tal-laqgħat li huma parti mill-ħin normali tax-xogħol għax is-Segretarju ma' nfurmah b'xejn. Barra minn dan hemm argument ieħor x'jiġi diskuss : Huwa qal biss li s-Segretarju nfurmah li peress li Kunsill approva li tmur għal kors, il-ħin normali tax-xogħol issir wara u hu baqa' b'dik idea, peress li ġieli damet għax-xogħol sal-4.30pm.

*31.(2).18.2* Bil-permess tal-Kunsill is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li dak li stqarr is-Sindku Joseph Casha mhux għal kollox korrett, huwa elenka fejn sar dan .

*31.(2).18.3* Kien is-Sindku stess li fil-laqgħa tal-Kunsill Numru 28 li nżammet nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru, 2003, kien informa lill-Kunsill b'dak li ġie diskuss fir-raba' laqgħa tas-sezzjoni taż-żgħażagħ li saret nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru, 2003 kif ukoll li dawn lż-żgħażagħ kienu ser jibdew jiltaqgħu fil-Kunsill kull nhar ta' Erbgħa fis-7.00pm bl-ewwel laqgħa ppjanata għal nhar l-Erbgħa 3 ta' Diċembru, 2003 (Kopja tal-minuti mehmuża).

F'Minuta 29(5) ta' l-istess laqgħa tal-5 ta' Diċembru, 2003 hemm indikat li l-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet li dawn Iż-żgħażagħ kienu qed jipproponu li jagħmlu.

*31.(2).18.4* Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr li kien informat bil-laqgħa ta' dawn iż-żgħażagħ li kellha ssir nhar l-Erbgħa 17 ta' Diċembru, 2003 fis-7.00pm. abbażi ta' dak li kien indikat fil-minuti tal-laqgħat ta' dawn iż-żgħażagħ u approvat fid-29 laqgħa tal-Kunsill Minuta 29(5).

*31.(2).18.5* Fl-istqarrija tiegħu s-Sindku rrimarka li huwa ma' kienx jaf li Vanessa Caruana kienet qed titħallas għal dawn il-laqgħat bħala parti mill-ħin normali tax-xogħol tagħha għax is-Segretarju Eżekuttiv ma' nfurmahx b'dan.

*31.(2).18.6* Filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta "break down sheet" tas-sigħat ta' xogħol u ħlasijiet (Kopja mehmuża) li saru lil Vanessa Caruana f'dawn l-aħħar sitt xhur huwa stqarr li Vanessa Caruana kienet qed tgħaġixxi korrettament skond ir-responsabbiltajiet u l-kuntratt ta' xogħol li għandha mal-Kunsill u li dawn il-ħlasijiet saru skond :

(A) Li ma' kull ħlas li sar lil Vanessa dejjem kien hemm mehmuż il-ħinijiet ta' kif u fejn qed taħdem Vanessa Caruana biex ikun approvat kull xahar mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

(B) Li dawn il-ħlasijiet dejjem saru skond il-kuntratt ta' xogħol u job description approvati mill-Kunsill (Kopja mehmuża) fejn fost ir-responsabbilta' ewlenin mogħtija lilha hemm kordinazzjoni u organiżazzjoni tas-Sotto Kumitati tal-Kunsill kif ukoll il-proġetti u programmi edukattivi / kulturali

(C) Li barra dan Vanessa Caruana kienet ġiet maħtura mis-Sindku stess bħala Community Coordinator (Kopja mehmuża).

*31.(2).19* *Hamper tal-Milied - Pada Builders Ltd (Rigal lill-Anzjani 2003)*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm nuqqas ta' qbil bejn is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku dwar x'għandu jsir b'hamper tal-Milied li ġie mogħti lill-Kunsill minn wieħed mill-kuntatturi.

*31.(2).19.1* Is-Sindku kien ta' l-idea li dan il-hamper għandhu jittellgħa b'raffle waqt l-attivita Rigal lill-Anzjani 2003 biex jinġabru fondi ħalli jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż ta' l-istess attivita'.

*31.(2).19.2* Is-Segretarju Eżekuttiv kien ta' l-idea li la dan il-hamper kien iingħaata lill-Kunsill dan għandhu jinqasam bejn l-istaff jew għall-inqas jistennew biex

isir magħruf x'sejjer jiirċievi l-Kunsill u mbagħad jinqasam kollox bejn kulħadd. (inklużi l-Kunsillieri)

Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr mas-Sindku li dak kien il-ħsieb tiegħu u fl-aħħar mill-aħħar id-deċlżjoni x'jagħmel b'dan il-hamper hija tas-Sindku.

*31.(2).19.3* Wara li s-Sindku kien tkellem mal-Kunsilliera l-oħra kien sar qbil li dan il-hamper għandu jittella' b'raffle waqt l-attivita' Rigal lill-Anzjani 2003 fil-21 ta' Diċembru, 2003 kif fil-fatt sar.

*31.(2).20* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn il-5 u l-31 ta' Diċembru 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/2270/03/I* *Garaxx - Triq Is-Sur*

Il-Kunsill irċieva kopja tal-kuntratt tal-Garaxx mis-Sur Raymond Galea.

*04/2272/03/I* *Rapport Latrini - Field Services Branch*

Ġie nnutat li l-Latrini tal-Ponta huma magħluqa u nieqsa mis-servizzi. Jekk dawn ser jibqgħu magħluqa l-fondi tal-Kunsill ser jitnaqqsu.

Il-Kunsill wieġeb fl-10 ta' Diċembru lil Mr Pio Farrugia li minkejja diversi spejjeż li għamel il-Kunsill biex iżomm dawn il-latrini f'livell tajjeb, qed isir vandaliżmu kontinwu.

*04/2274/03/I* *Kodiċi ta' Etika - Kunsillieri*

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali infurmat lill-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali li approvat dan il-Kodiċi u ppproponiet li jsir bħala Avviż Legali.

*04/2277/03/I* *Devoluzzjoni tad-Dawl*

Dan il-Kunsill permezz tal-Kumitat Konġunt informa lill-Enemalta bl-isolators ser jinbidlu minn Jannar, 2004.

*04/2287/03/I* *Website Grants (Kunsilli)*
*04/2342/03/I*

Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali nforma lill-Kunsill minħabba nuqqas ta' nteress mill-Kunsill biex issir il-website, il-grant finanzjarja ntilfet. Il-Kunsill wieġeb għal dan.

Aktar tard din id-deċiżjoni ġiet revokata tant li l-grant ta' Lm 200 ghall-website huma sospiżi temporanjament.

*Separazzjoni ta' Skart*

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali mhux qed taqbel li l-piż finanzjarju tal-Bring-in Sites jgħaddi fuq il-Kunsilli sakemm ma' jingħatawx kumpens għalihom mill-Gvern Ċentrali.

*04/2307/03/I* *Talba għal Ritratti u Tagħrif*

Arts & Culture talbet għal ritratti u tagħrif dwar l-Isla biex jiġu prodotti fil-magazine ta' l-Air Malta.

*04/2309/03/I* *Kodiċi ta' Etika*

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bagħtet kopja bl-Ingliż għall-approvazzjoni tal-Kunsilli qabel jiġi maqlub għall-Malti.

*04/234/03/I* *Kunsill Lokali Valletta*

Saret talba mill-Kunsill Lokali Valletta biex il-Kunsilli Lokali kollha jagħtu donazzjoni lil Caritas.

*04/2320/03/I* *Integrated Resources Management*

Il-Kumpanija Integrated Resources Management offriet li tiltaqa' mal-Kunsill dwar servizz li din il-kumpanija tista toffri dwar l-Ambjent.

*04/2332/03/I* *Depożiti ta' flus mill-Kunsilli - AKL Ċirk 93/2003*

Wara diskussjonijiet li saru bejn l-Assoċ jazzjoni Kunsilli Lokali, l-Assoċjazzjoni Segretarji Kunsilli Lokali u l-Union Ħaddiema Magħqudin, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali nfurmat lill-Kunsilli li ser toħroġ tender għas-Servizz ġdid ta' depożitu ta' flus mill-Kunsilli fil-Banek. Dan il-Kunsill kien qabel li jieħu sehem.

*04/2339/03/I* *Kwestjonarju*

Il-Kunsill ġie mitlub jimla kwestjonarju dwar attivitajiet li jippromwovu attivita' fiżika.

*04/2343/03/I* *Is-Sinjura Anna Spiteri*

Is-Sinjura Anna Spiteri għarrfet lill-Kunsill bix-xewqa tagħha li toffri kotba għal-Librerija Pubblika.

*04/2346/03/I* *Memo 35/2003 - Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

Permezz ta' Memo 35/2003 tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali l-Kunsill ġie mgħarraf li l-pagament ta' multi (LES) jista' jsiru u jiġu aċċettati biss sa tlett ijiem qabel ma' tkun sejra tinstema l-kawża quddiem it-tribunal.

*04/2367/03/I* *Joseph Camilleri*

Email minn Joseph Camilleri dwar ilmenti ta' ħmieġ tal-klieb / Niċċa ta' l-Għar ta' Mikelin - area tad-dawl / Pipe li jintefgħu l-flus minnhu / Latrini tal-Ponta / Niċċa taad-Duluri.

*04/2373/03/I* *Fondazzjoni Oasi*

Il-Fondazzjoni Oasi talbet għajnuna finanzjarja minħabba d-diffikultajiet li qed tiffaċċja biex tkompli tiffunzjona.

*04/2378/03/I* *Kumitat Konġunt - Devoluzzjoni tad-Dawl*

Il-Kordinatur tal-Kumitat Konġunt għad-Devoluzzjoni tad-Dawl għarraf lill-Kunsill bis-sistema l-ġdida u l-proċedura li għandha tintuża biex jitwettaq xogħol mill-Kuntrattur Nexos Ltd.

*04/2389/03/I* *Kwestjonarju - Relazzjonijiet Pubbliċi*

Il-Kunsill irċieva kwestjonarju dwar il-Kunsilli Lokali u r-Relazzjonijiet Pubbliċi.

*04/2391/03/I* *Ladies Circle - Attivita'*

Il-Kunsill approva t-talba tal-Ladies Circle ta' l-Iskola biex jorganiżżaw Coffee Morning fis-Sala tal-Kunsill fil-21 ta' Jannar, 2004.

*04/2392/03/I* *Kumitat Laburista Lokali - Birgu*

Is-Sindku u l-Viċi Sindku ġew mistiedna għal riċeviment mill-Kumitat Laburista Lokali tal-Birgu Nhar il-Ħadd 11 ta' Jannar, 2004.

*04/0002/04/I* *L-Onor. Chris Agius*

L-Onor. Chris Agius nforma lill-Kunsill li l-istedina tal-Kunsill għall-attivita' ta' l-Anzjani mtella fil-21 ta' Diċembru, 2003 rċeviha fit-22 ta' Diċembru, 2003 u ma' attendhiex għal dik ir-raġuni li.

Sar qbil li tinġabar email datat tad-Deputati tad-Distrett biex dawn ikunu mgħarrfa permezz ta' l-email dwar attivitajiet li jkun qed jorganiżża l-Kunsill.

## 31 (3) Drainage - Sede Azzjoni Kattolika

Fuq talba li saret mis-Sede dwwar dan il-blockaage il-Kunsill ġab is-servizz tas-cctv camera minħabba li dan l-imblokk baqa' jippersisti minkejja sforzi li saru biex jitneħħa. Kien jidher li s-sistema tad-drenaġġ tal-main kienet imblokkata.

*31(3).1* Is-Sindku qabbad lill-Kuntrattu Silvar Construction (Kopja tal-Works Order mehmuża) biex iħaffer biex jiġi magħruf x'qed iwassal biex is-sistema tad-drenaġġ tibqa' mblukkata.

*31(3).2* Waqt dan ix-xogħol intlaqat wieħed mill-cables tad-dawl li ma' kienx indikat li kien hemm. Sar statement lill-Pulizija fl-20 ta' Diċembru, 2003. Il-Ħsara hija stmata li tlaħħaq bejn l-Lm 450 u l-Lm 500.

*31(3).3* Minn dak li ġie mikxuf wara li sar it-tħaffir jidher li s-sistema tad-drenaġġ ġiet miksura u midfuna waqt li kien qed isir ix-xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq il-Vitorja sentejn ilu mill-Kuntrattur li kien qabbad id-Dipartiment tat-Toroq.

*31(3).4* Wara kuntatti mad-Dipartiment tat-Toroq kien sar qbil li l-ħofra terġa' tingħalaq u jsir rapport dettaljat ta' x'setgħa wassal għal dan il-blockage.

*31(3).5* Fid-29 ta' Diċembru, 2003 saret laqgħa fil-Kunsill biex jiġl stabbilit x'inhuma l-passi li għandhom jittieħdu wara. Preżenti Andrew Cutajar u Victor Scerri mis-Sede u s-Sindku, l-Viċl Sindku u l-Kunsillier Charmaine Gerada għall-Kunsill.

Sar qbil li wara l-vaganzi tal-Milied id-Dipartiment tat-Toroq jiġl mgħarraf bil-ħsara li kien hemm u jsir rapport mill-Perit Lawrence Mintoff (Konsulent tal-Kunsill) dwar il-ħsarat li jidher li hemm.

## 31 (4) Moll Xatt ta' l-Isla

*Nota :* *Il-Kunsillier Charmaine Gerada daħlet għal-laqgħa tal-Kunsill (11.50am)*

Minħabba li parti mill-Moll fix-Xatt ta' l-Isla sfronda s-Sindku għamel il-kuntatti meħtieġa u nforma minnufih lid-Dipartiment tat-Toroq permezz tal-Perit Robert Zerafa. Saret spezzjoni fuq il-post mill-Perit Edrick Micallef.

*31.(4).1* Is-Sindku għamel diversi nterventi mal-Ministru Francis Zammit Dimech fejn dan assigurah li ser isir dak li jista' jsir biex din il-ħsara mhux ħażin tiġi msewwija fi żmien qasir.

*31.(4).2* Għaldaqstant ġie suġġerit biex il-Perit Lawrence Mintoff jagħmel rapport dettaljat tal-ħsarat li ġarrab il-moll u jintbagħat lid-Dipartiment tat-Toroq ħalli jinfetaħ file fuq dawn il-ħsarat u l-proċess jibda jimxi.

## 31 (5) Tmexxija ta' l-Uffiċċju tal-Kunsill

Is-Sindku Joseph Casha qara u ppreżenta statement dwar it-tibdil li xtaq isir fit-tmexxija ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. (Kopja mehmuża)

31.(5).1 Il-Kunsill beda jiddiskuti waħda waħda l-punti kif imressqa mis-Sindku.

31.(5).2 Korrispondenza : Is-Segretarju Eżekuttiv fisser kif is-sistema preżenti tal-korrispondenza qed tiġi addottata. Kopja tal-korrispondenza qegħda tkun għand is-Sindku fl-aħħar tal-ġurnata, l-aktar tard l-għaada filgħodu. Madankolu s-Segretarju Eżekuttiv ser jidħol fiha u jara x'sistema tista' tintuża biex jilqa' t-talba tas-Sindku biex ikollu kopja tal-korrispondenza tal-Kunsill fl-iqsar żmien possibbli fil-ġurnata stess li l-korrispondenza tkun waslet.

Korrispondenza ndirizzata lis-Sindku ser tingħata lilu mingħajr ma' tinfetaħ jew tiġi reġistrata.

31.(5).3 Ċavetta ta' l-Uffiċċju Amministrattiv : Is-Sindku stqarr li hu għandu jkollu ċavetta ta' l-Uffiċċju Amministrattiv skond kif provdut fil-Liġi.

31.(5).4 Is-Segretarju Eżekuttiv fiehem lill-Kunsilliera u lis-Sindku li s-Segretarju eżekuttiv huwa l-Kap amministrattiv, eżekuttiv u finanzjarju tal-Kunsill. Infatti din il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv iġġorr magħha diversi responsabbiltajiet fosthom ir-responsabbilta' ewlenija tal-kustodja ta' l-assi u l-beni kollha tal-Kunsill fosthom id-dokumenti kollha tal-Kunsill.

31.(5).5 Infatti s-Segretarju Eżekuttiv ikkwota Artiklu 38 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) A.L. 155 / 1993 li tinċita ċar u tond li s-Segretarju Eżekuttiv huwa l-Kustodju ewlieni ta' l-assi kollha tal-Kunsill.

31.(5).6 Iis-Segretarju Eżekuttiv fisser li jekk jaċċetta li jitlaq iċ-ċavetta ta' l-Uffiċċju Amministrattiv minn idejh ikun qed jonqos mir-responsabbiltajiet u l-obbligi tiegħu li qed tgħabbih bihom l-istess Avviż Legali imsemmi hawn fuq.

31.(5).7 Is-Segretarju Eżekuttiv stqarr li kien minn dejjem li l-Kunsilliera kellhom aċċess liberu għal kull parti tal-bini tal-Kunsill mingħajr indħil billi s-Sindku għandu ċavetta ta' l-entratura ewlenija tal-Kunsill. L-unika parti protetta u ristretta għall-aċċess wara l-ħinijiet ta' l-uffiċċju hija l-uffiċċju amministrattiv li qiegħed fil-kustodja ewlenija tas-Segretarju Eżekuttiv.

31.(5).8 Is-Sindku Joseph Casha ma' aċċettax it-tifsira tas-Segretarju Eżekuttiv skond l-Artiklu 38 imsemmi aktar 'il fuq u baqa' jinsisti li huwa (is-Sindku) għandhu jingħata ċ-ċavetta ta' l-Uffiċċju Amministrattiv.

31.(5).9 Wara diskussjoni fit-tul is-Sindku Joseph Casha baqa' jinsisti li għandhu jingħata ċ-ċavetta ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tas-Segretarju Amministrattiv.

Il-Kunsill aġġorna l-Laqgħa fis-2.35pm għal nhar il-Ħamis 8 ta' Jannar, 2004 fid-9.00am.

Il-Kunsill reġa' ltaqa' nhar il-Ħamis 8 ta' Jannar, 2004 fl-9.40am .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier (11.45am) |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

*Saret Kommunikazzjoni mis-Sindku fejn ta tagħrif dwar żviluppi li seħħew minn nhar it-Tlieta 6 ta' Jannar, 2004 'il quddiem.*

(1) Inqrat Memo 36/2003 dwar il-ħaddiema IPSL.

(2) Id-Dipaartiment ta' l-Edukazzjoni nforma lill-Kunsill li l-kotba li kellu jingħata b'donazzjoni għal-librerija lokali mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni Louis Galea nhar is-16 ta' Diċembru, 2003 setgħu jinġabru. (04/2318/03/I).

(3) Ser isir festival storiku li ser ikun mifrux fuq 10 t'ijiem fejn ser jinvolvi t-tlett ibliet u bliet oħra storiċi bħall-Belt u l-Imdina.

(4) Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li kien ġie mistieden biexc jattendi għal seminar bejn id-29 u t-2 ta' Frar, 2004 f'Rodi il-Greċja taħt il-Proġett Delta.

Wara din il-kommunikazzjoni l-Kunsill kompla jiddiskuti item 31(5) Tmexxija ta' l-Uffiċċju tal-Kunsill.

## 31 (5) Tkomplija - Tmexxija ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

*31.(5).10* Meta reġa' ltaqa' l-Kunsill kompla jiddiskuti l-item 31(5) fuq l-Agenda fejn is-Sindku baqa' ta' l-istess fehma li għandhu jkollu kopja taċ-ċavetta ta' l-Uffiċċju Amministrattiv. Is-Sindku ddikjara li qed jinsisti għal dan għax huwa (is-Sindku) responsabbli daqs is-Segretarju Eżekuttiv.

*31.(5).11* Meta deher li ma' jistgħax jintlaħaq ftehim is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa bi ħsiebu jirreferi dan il-każ lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kif ukoll jagħmel laqgħat biex jieħu parir ta' x'passi għandu jieħu għal-laqgħa li jmiss.

*31.(5).12* Min-naħa tiegħu s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li billi hu marbut b'dak li tgħid il-Liġi huwa ser jikteb u jiitlob il-protezzjoni tad-Direttur tad-

Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li fl-opinjoni tas-Segretarju Eżekuttiv hija l-aktar entita kompetenti biex tikkonferma jew tinnega ta' kif għandhu jaġixxi s-Segretarju Eżekuttiv f'din is-sitwazzjoni. Huwa lest li joqgħod għal dak li jgħid id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għax b'hekk ikun qed jaġixxi legalment skond kif għandu jipproċedi.

31.(5).13 Ilmenti : Is-Segretarju Eżekuttiv ser jindaga għala s-Sindku ilu ma' jirċievi kopji ta' l-ilmenti li jidħlu fil-Kunsill.

31.(5).14 Il-ħinijiet ta' l-Uffiċċju tal-Kunsill tax-Xitwa u tas-Sajf fuq firxa ta' sena għaliiex ser jiġu pubblikati u jitqegħdu fin-Notice Board tal-Kunsill.

31.(5).15 Leave ta' l-Impjegati : Kopja tal-leave approvat ta' l-impjegati u l-ħaddiema assenjati ser tibda tingħata lis-Sindku hekk kif dan jiġi approvat mis-Segretarju eżekuttiv.

31.(5).16 Il-Kumitat tal-Finanzi għandu jibda jiltaqa' kull xahar.

31.(5).17 Ix-Xogħol li twettaq Vanessa Sammut ser ikun strettament mal-job description li ngħatala u approvalha l-Kunsill.

31.(5).18 Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun responsabbli mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill tal-Gvern / IPSL. Għandha ssir laqgħa ma' dawn il-ħaddiema biex jiġi mfisser lilhom kif ser tkun il-proċedura.

31.(5).19 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser ikomplu jikkordinaw flimkien kull appuntament u laqgħat li jsiru fil-Kunsill u barra mill-Kunsill.

31.(5).20 Spezzjoni ta' xogħol imwettaq kemm mill-ħaddiema kif ukoll mill-kuntratturi mqabbda mill-Kunsill, ser jsiru mis-Sindku u l-Viċi Sindku.

31.(5).21 Il-Kunsill bi ħsiebu jippubblika tagħrif kull xahar ta' dak li jkun għaddej - responsabbilta' tas-Sindku u l-Kunsillier Charmaine Gerada.

31.(5).22 Proġetti approvati : Huma responsabbilta' tas-Sindku filwaqt li f'koordinament mas-Segretarju Eżekuttiv jara li dawn jitlestew fil-ħin u li jkollom il-permessi meħtieġa.

31.(5).23 Is-Sindku sejjer jieħu l-inkarigu biex jinġabru flus li għandu jieħu l-Kunsill. Dawn huma :

| | |
|---|---|
| Kumitat tar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera | Lm 1, 265 |
| Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma | Lm 1, 200 (Hot Rolled Asphalt) |
| Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma | Lm 980 (Triq San Pietru u San Pawl) |
| Dipartiment ta' l-Edukazzjoni | Lm 1, 700 |

## 31 (6) Kuntratt Soft Areas - PKG 04

Il-Kunsill kellu quddiemu 6 offerti għal dan il-kuntratt.

*31.(6).1* Is-Sindku irrikuża ruħu milli jieħu sehem fl-għoti ta' dan il-kuntratt minħabba kunflitt ta' nteress u għalhekk talab li joħroġ barra. Dan ġie aċċettat u l-Viċi Sindku mexxa d-diskussjoni.

*31.(6).2* **<u>Soft-Areas Tender PKG 04/03</u>**

| Tenderer | Quoted Price | Remarks |
|---|---|---|
| Marvic & Sons Ltd | Lm 1845<br>Pruning of trees not included | Excluding upgrading of Triq 31 ta' Marzu |
| Environmental Landscaping Consortium Ltd. | Lm 2300 | Excluding upgrading of Triq 31 ta' Marzu |
| F. Zammit Nurseries | Lm 2400 | Including upgrading of Triq 31 ta' Marzu |
| PML Ltd | Lm 2600 + VAT | Excluding upgrading of Triq 31 ta' Marzu |
| Greenlands Ltd | Lm 2700 | Excluding upgrading of Triq 31 ta' Marzu |
| Island Care & Environmental Services | Lm 4400<br>Pruning of trees not included | Including upgrading of Triq 31 ta' Marzu |

*31.(6).3* Wara diskussjoni kien jidher li l-aħjar fil-prezz għas-servizzi li qed joffru kienet dik ta' F. Zammit Nurseries.

*31.(6).4* Minkejja li din l-offerta hija Lm 550 għola mill-irħas offerta u Lm 100 mit-tieni l-irħas offerta, din ilkumpanija qed toffri li twettaq żbir ta' siġar tal-lokal kif ukoll li tieħu ħsieb upgrading ta' Triq 31 ta' Marzu. Dan wassal biex din l-offerta tkun l-aktar waħda vantaġġjuża.

*31.(6).5* Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondata mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva l-offerta ta' F. Zammit Nurseries.
(3 Favur, Kontra - Xejn, Astensjoni - Xejn)

*31.(6).5* Dan il-kuntratt qed jingħata fuq bażi ta' prova ta' tlett xhur u jibda b'effett minn nhar it-Tnejn 12 ta' Jannar, 2004.

*31.(6).A* Kuntratt ta' Ġbir ta' Skart Goff - BR 04

Is-Sindku reġa' daħal fil-laqgħa fejn ħa postu biex ikompli jmexxi l-laqgħa tal-Kunsill.

*31.(6).A1* L-Offerti mitfugħa kienu tnejn. Dawn kienu :

| **Tenderer** | Quoted Price | **Remarks** |
|---|---|---|
| John Cassar | Lm 1.15c per collection + VAT (Lm 1.36) | Per 3 items |
| Cleansing Services Dept | Lm 1.80c per collection including VAT + 5% contract manager fee | |

*31.(6).A2* Wara diskussjoni fuq dawn Iż-żewġ offerti fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva nem. con. L-offerta ta' John Cassar peress li kienet l-irħas offerta filwaqt li qed toffri l-istess servizz.

*31.(6).A3* Dan il-kuntratt qed jingħata fuq bażi ta' tlett xhur bi prova b'effett mill-1 ta' Frar, 2004.

*31.(6).A4* Barra dan is-servizz jinkludi wkoll ġbir ta' skart minn madwar l-iskips fuq bażi regolari.

## 31 (7) Kuntratt Tindif tat-Toroq

Għal dan il-kuntratt il-Kunsill irċieva 6 offerti li kienu :

| Kumpanija | Prezz għal Sena | Ħdud u Festi Pubbliċi |
|---|---|---|
| | | |
| South West Cleaners | Lm 7,500 | Lm 24.00 kull Ħadd jew Festa |
| Toni Degiorgio | Lm 8,832.30c | Inklużi fil-prezz |
| Marvic & Sons Ltd | Lm 9,100 | Lm 25.00 kull Ħadd jew Festa |
| Ell's Urban Services | Lm 11,900 | Lm 150.00 il-Ħdud kollha<br>Lm 250.00 il-Festi kollha |
| Cleansing Services Department | Lm 13,000 | Lm 3.80c fis-siegħa |
| Ruben Buttigieg | Lm 15,000 | Lm 3.00c fis-siegħa |

*Nota: Il-Kunsillier Charmaine Gerada daħlet għal-laqgħa meta kienet se tibda' d-diskussjoni fuq dan l-item. (11.45am)*

*31.(7).1* Il-Kunsill ikkunsidra l-irħas żewġ offerti li qed joffru l-istess servizz.

South West Cleanes Lm 7, 500 + Festi Pubbliċi (1, 560) Lm 9, 060
Toni Degiorgio Lm 8, 832 - Ħdud u Festi Pubbliċi nklużi Lm 8, 832

*31.(7).2* Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Mario Mizzi, l-Kunsill approva li dan il-kuntratt għandhu jingħata lil Toni Degiorgio għall-offerta tiegħu ta' Lm 8, 832.

*31.(7).3* Il-voti kienu hekk : 4 - Favur, 0 - Kontra, 1 - Astensjoni.

*31.(7).4* Il-Kunsillier Charmaine Gerada astjeniet minħabba li l-persuna magħżula diġa' kellha diffikultajiet meta kien qed jaħdem mal-Kunsill taħt l-iskema ta' Xogħol fil-Kommunita mtella' mill-Korporazzjoni għall-Imjieg u t-Taħriġ.

*31.(7).5* Dan il-kuntratt qed jingħata fuq bażi ta' tlett xhur prova u jibda' minn nhar it-Tnejn 12 ta' Jannar, 2004.

## 31 (8) Xogħol għall-Ħaddiema I. P. S. L.

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar l-assenjar ta' żewġ ħaddiema mal-Kunsill li kienu jaħdmu mat-Tarzna u li issa ġew trasferiti fil-Kumpanija Industrial Products Services Ltd (IPSL). Dawn huma Geoge Vella u Alfred Massa.

*31.(8).1* Is-Sindku qara' Memo 36/2003 maħruġ mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali (04/2324/03/I) b'referenza għall-assenjar ta' dawn il-ħaddiema.

*31.(8).2* Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Union Ħaddiema Magħqudin fit-18 ta' Diċembru, 2003 kienet ħarġet direttivi biex is-Segretarji Eżekuttivi ma' jieħdux ir-responsabbilta' ta' dawn il-ħaddiema mill-IPSL minħabba li ma' kienx ċar kif din l-iskema ser titħaddem kif ukoll minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni ma' l-Assoċjazzjoni Segretarji Kunsilli Lokali. (04/2344/03/I u 04/2345/03/I).

*31.(8).3* L-Assoċjazzjoni Segretarji Kunsilli Lokali (ASKLM) permezz tal-Union Ħaddiema Magħqudin għamlu talba biex issir diskussjoni mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ħalli jkun hemm linji ta' gwida ċari għall-mod ta' kif għandhu jiġi attwat l-assenjar ta' dawn il-ħaddiema mal-Kunsilli Lokali (04/2370/03/I).

*31.(8).4* Il-Ħaddiema assenjati mal-Kunsill mill-IPSL ġew mogħtija ll-leave li kien fadlilhom għas-sena 2003 skond kif ġie suġġerit mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali (04/2379/03/I).

*31.(8).5* Il-Kunsill irċieva kjarifika għal Memo 36/2003 dwar dawn il-ħaddiema wara laqgħa oħra li saret nhar it-Tlieta 6 ta' Jannar, 2004 bejn l-Assoċjazzjoni Segretarji Kunsilli Lokali (ASKLM), Union Ħaddiema Magħqudin (UHM) u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali (DKL).

*31.(8).6* Is-Sindku elenka x-xogħol li hemm ippjanat li jingħata lil dawn il-ħaddiema relatat mas-sengħa tagħhom. (Kopja mehmuża).

*31.(8).7* Ġie suġġerit li s-segretarjat jiġbor kwotazzjonijiet ta' vireg tal-ħadid tondi u kwadri biex ikunu jistgħu jaħdmu bihom.

*31.(8).8* Wara diskussjoni l-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar ressaq mozzjoni biex il-Kunsill japprova l-assenjar ta' dawn il-ħaddiema mal-Kunsill.

*31.(8).9* Il-Mozzjoni tgħid " Il-Kunsill qed jaqbel li jaċċetta dawn il-ħaddiema li ġew assenjati mal-Kunsill mill-Kumpanija IPSL u li dawn ser jagħmlu xogħol li huwa essenzjali għal-lokal u kif ukoll li huwa xogħol relatat mal-grd tagħhom".

*31.(8).10* Din il-mozzjoni ġiet approvata nem. con.

## 31 (9) Ground tal-Ponta

Ġie suġġerit biex il-fence li nxtara mill-Kunsill biex iddawwar dan il-ground jintuża post ieħor fl-istess ground.

*31.(9).1* Ġie suġġerit li flok xibka ta' wire fit-trunċieri jsiru bars tal-ħadid.

*31.(9).2* Sar suġġeriment ukoll biex ssir stima ta' x'hemm bżonn f'dan il-ground. Il-Kunsill issuġġerixxa li jkolu l-għajnuna tas-Sur Pio Mangion biex tiġi kkalkolata l-istima msemmija.

*31.(9).3* Għandha tinġieb ukoll kwotazzjoni għall-ammont ta' ħadid li hemm bżonn bżonn skond din l-istima.

## *Affarijiet Oħra*

*Ġnien il-Gardjola*

Il-Kunsill qabel li jibda jħejji x-xogħol biex issir Bye Law għall-Użu Kummerċjali ta' dan il-Ġnien.

*Ħlasijiet Pendenti  Pada Builders Ltd - Laqgħa proposta (Perit L. Mintoff)*

Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' PADA Builders Ltd u l-Perit Lawrence Mintoff dwar il-ħlasijiet pendenti.

## 31 (10) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm 13, 831.90.(Kopja tal-lista ta' pagamenti mehmuża).

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-1.46pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

____________________________________________________________________________

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |